MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1018/2005

**Travel Deals Limited C29260**

**Vs**

**Joseph Azzopardi ezercjenti**
**l-kummerc bl-isem Tim Travel**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar fir-rigward ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut konsistenti f'arrangamenti ghall-garr bl-ajru w akkomodazzjoni barra minn Malta.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-azzjoni hija ntempestiva billi qabel ma giet intavolata din il-kawza l-konvenut effettwa pagament akkont u dan permezz ta' cekk mahrug fuq HSBC Bank Malta plc bid-data tal-24 t'April, 2005 liema cekk gie rritornat minghajr ebda gustifikazzjoni u kontra arrangament li kien gie accettat ghall-hlas rateali tas-somma originarjament dovuta – barra weghda li l-bilanc kien ser jithallas fl-ewwel gimgha ta' Gunju 2005.

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut qatt ma cahad li l-ammont mitlub huwa dovut izda kien qieghed isegwi programm ta' pagamenti rateali li gie accettat mis-socjeta' attrici u in ottemperanza ta' dan il-programm kien baghat cekk ghall-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50) ftit jiem qabel ma giet intavolata l-kawza liema cekk gie rritornat minghajr gustifikazzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Tania Attard u ta' Joseph Azzopardi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' attrici pprovdiet servizzi ta' *travel agent* lill-konvenut. Wara certu zmien akkumulaw numru ta' invoices. Wara ftit pressjoni, l-konvenut beda jaqta' invoice wara iehor u wasal l-ahhar invoice li kien ta' ftit iktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500). Il-konvenut ma setax ihallas f'salt u ghalhekk talab li jhallas ratealment liema talba ma gietx accettata.
B'danakollu l-konvenut beda jhallas pagamenti akkont u jidher li l-ammonti la kienu fissi u lanqas ma kienu regolari.

Fil-bidu ta' Jannar 2005 kien baqa' l-bilanc ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u s-socjeta' attrici nterpellat lill-konvenut sabiex ihallas dan il-bilanc. Huwa hallas pagament ta' hamsin lira Maltin (Lm50) bhala akkont u wara skambju ta' e-mails hallas biss hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75). Meta kien baqa' l-ahhar hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75), wara nterpellazjoni ohra, huwa hallas biss hamsin

lira Maltin (Lm50) u wieghed li ser ihallas il-bilanc f'Gunju. Is-socjeta' attrici riedet is-somma shiha u mhux hamsin lira Maltin (Lm50) biss u ghalhekk irritornat ic-cekk u sstitwiet il-proceduri odjerni.

Ma sar l-ebda depozitu fir-Registru l-Qorti, u sal-lum jirrizulta li s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) ma thallsitx.

Il-konvenut jammetti li l-ammont huwa dovut izda jippretendi li s-socjeta' attrici ghagglet meta pprezentat il-kawza odjerna. Huwa jammetti li s-socjeta' attrici qatt m'accettat li tithallas ratealment izda nsistiet li tithallas fil-pront.

In vista ta' dawn ir-rizultanzi m'hemm l-ebda dubju li fil-mument li giet intavolata l-kawza l-ammont mitlub kien dovut u ghadu dovut sal-lum. Ma kienx hemm ftehim biex il-hlas isir permezz ta' pagamenti rateali.

It-Tribunal sincerament ma jistax jifhem kif il-konvenut jippretendi li l-azzjoni saret intempestivament meta l-invoice de quo jirrisali ghall-2003. Saru diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas, l-ammont kien ammess u ma kien hemm l-ebda ftehim fuq dilazzjoni ghall-hlas. L-ammont kien u ghadu cert likwidu u dovut.

Illi ghalhekk iz-zewg eccezzjonijiet qed jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------